Patrijiet Karmelitani
19, Kunvent tal-Karmelitani
Misraħ Santa Venera
Santa Venera SVR1681
25 ta' Frar 2025

Kummissjoni għall-Patrimonju
Kulturali Kattoliku
Il-Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana

Għeżież President u Membri,

Insellmilkom, filwaqt li nispera li tinsabu tajbin. F'isem il-komunità Karmelitana ta' Santa Venera qiegħed nippreżenta għall-konsiderazzjoni tagħkom talba għall-permess biex isiru xogħlijiet ta' adattament ta' sala li nbniet u ġiet annessa mal-kunvent ta' Misraħ Santa Venera madwar l-1970.

Dan ix-xogħol ta' adattament se jkun kollu riversibbli. Il-ħsieb huwa li, permezz ta' partitions tal-gypsum tinħoloq ċella oħra għal patri li tinkludi

1. kamra żgħira tal-banju en suite,
2. passaġġ għal wieħed mill-bjut fejn il-patrijiet jonxru l-ħwejjeġ,
3. u store ċkejken.

Is-sala hi mibnija b'ħitan singli tal-bricks, u billi l-parti l-kbira tal-ħitan, kif ukoll il-bejt, jaqilgħu ħafna xemx, fis-sajf tkun taħraq wisq. Minħabba f'hekk il-perit tagħna ssuġġerixxa li tiġi applikata insulation mal-ħitan magħmula minn foam li mbagħad jinżebaħ kulur magnolja, l-istess kulur tal-kumplament tal-kunvent u l-Kulleġġ San Elija.

Biex tittaffa aktar is-sħana, il-perit ippropona li

1. t-tieqa li tħares lejn il-Grigal, li kienet wiesgħa kważi daqs il-wisa' kollu tas-sala, tiġi maqsuma f'żewġ twieqi iċken,
2. li waħda mit-twieqi li tħares lejn il-Majjistral, u li se tiġi fiċ-ċella tar-reliġjuż, tingħalaq kompletament, minħabba li ħafna drabi r-riħ jiġi minn dik in-naħa,
3. filwaqt li tieqa oħra, li tħares ukoll lejn il-Majjistral u li se tiġi fil-passaġġ li jagħti għall-bejt, tiċkien u ssir tal-istess daqs tat-twieqi li jħarsu lejn il-Grigal.

Għal raġunijiet ta' sigurtà, il-perit irid li l-għoli tat-twieqi kollha jitnaqqas b'filata bricks, għax kif inhuma baxxi wisq.

Oriġinarjament il-perit issuġġerixxa li l-aperturi jsiru tat-thermal-break aluminium biex tittaffa s-sħana, imma wara li smajna diversi pariri, u anke biex tonqos l-ispiża, iddeċidejna li minflok tat-

thermal-break aluminium isiru tal-PVC abjad. Nippreferu li l-kulur abjad għaliex dan hu l-kulur naturali tal-PVC. Meta l-PVC jkun ta' kulur ieħor, barra li aktarx ikun għola, maż-żmien jitqaxxar ukoll.

Ma din l-ittra qiegħed nehmeż il-pjanti tax-xogħol li hemm bżonn isir.

Dan ix-xogħol huwa meħtieġ minħabba li, fuq deċiżjoni tal-aħħar Kapitlu Provinċjali, taħt il-presidenza tal-Pirjol Ġenerali, iż-żewġ komunitajiet Karmelitani ta' Santa Venera ngħaqdu f'komunità waħda ta' sitt reliġjużi li se jibdew jgħixu kollha fil-kunvent ta' Misraħ Santa Venera fejn m'hawnx sitt ċelel disponibbli. Sakemm isir dan ix-xogħol ta' adattament, żewġ patrijiet għadhom qegħdin jgħixu fil-basement tal-knisja parrokkjali ta' Santa Venera. Din is-sitwazzjoni toħloq diversi skumditajiet u inkonvenjenzi, u hija ta' detriment għall-ħajja fraterna tal-komunità. Għalhekk hemm ċerta urġenza biex ix-xogħol isir.

Napprezzaw ħafna l-konsiderazzjoni tal-membri tal-KPKK għal din it-talba tagħna.

Tislijiet fil-Mulej,

P. Ivan Scicluna O.Carm.